MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 35

Il-Ħamis 22 ta' Lulju 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ħamis 22 ta' Lulju 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa, li kienet qed tixxandar ukoll *live* fuq il-*website* tal-Kunsill, saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

D. Spiteri

Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

35.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sinjura Juliet Attard, ma tistax tieħu sehem għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser jingħaqqad għal din il-laqgħa ftit tard. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġiji u ġew skużati.

35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

35.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 34 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

35.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

35.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

35.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li kellu laqgħa mad-Direttur tal-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex fejn ġiet diskussa l-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali Il-Munxar fil-wirja viżiva '*on the road*' li ser tittella' għal xahar fil-Munxar fis-sena 2022. Is-Sindku ssuġġerixxa x-xahar ta' Mejju bħala x-xahar li fiha din il-wirja tkun esebita fil-Pjazza tal-Knisja u l-Kunsill ser ikun qed jgħaddi lista ta' 12-il wirt tanġibbli u ntanġibbli li wieħed isir fil-lokalita'.

D. Spiteri

35.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li beda x-xogħol ta' żbir tal-palm fil-Munxar u fix-Xlendi.

35.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie ffirmat kuntratt ta' għajnuna finanzjarja mal-Ministeru Għal Għawdex sabiex jittella' l-programm '*I Love Xlendi Summer Events*' li din is-sena ser ikun limitat għall-Fjakkolata Tradizzjonali biss minħabba r-restrizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet fir-rigward tal-pandemija tal-COVID 19. Is-Sindku informa lill-membri li bdiet tiġi reklamata din l-attivita' fuq il-mezzi soċjali filwaqt li awgura lill-Kunsillier Joseph Cauchi għad-disinn sabiħ li għamel tal-*poster* ta' din l-attivita'.

35.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

35.4.1 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis ġibdet l-attenzjoni għal skart mormi llegalment fi Triq Sant'Indrija fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li diġa' nġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet għal dan.

35.5 Proġett Pjazza tal-Knisja;

35.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, informa lill-membri li wara li l-Kunsill rebaħ l-appell imressaq minn Prax Concrete Ltd u għadda ż-żmien stipulat wara d-data tas-sentenza, issa ser jiġi ffirmat l-kuntratt mal-kuntrattur li rebaħ l-offerta u mistenni jibda x-xogħol fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku qal li l-Ministeru Għal Għawdex qed ikun infurmat bil-passi kollha li qed jittieħdu fir-rigward ta' dan il-proġett u ser ikun qed jiġi varat dan il-proġett flimkien magħhom.

35.6 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;

35.6.1 Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħlijiet ta' restawr u l-*interpretation centre* li ser isir fuq ġewwa tat-Torri tax-Xlendi beda wara li ġie ffirmat il-kuntratt.

35.6.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li waqt ix-xogħlijiet ta' restawr fuq ġewwa nstabu xi affreski mpittra mal-ħajt taħt iż-żebgħa u l-kisi li kien hemm. Fuq struzzjonijiet tal-Perit tal-proġett, minħabba f'din is-sejba, ix-xogħol fis-sular ta' fuq waqaf sakemm jitħejja rapport u jiġi sottomess lis-Sovrintendenza Tal-Patrimonju Kulturali. Apparti rapport tekniku, se jkun irid isir xogħol ta' konsolidament ta' dawn l-affreski u eventwalment restawr tagħhom, liema spejjeż ser ikunu addizzjonali

D. Spiteri

għall-kuntratt iffirmat. Is-Sindku informa lill-membri li minħabba dan ix-xogħol addizzjonali hemm probabilta' kbira li tkun trid issir talba għall-estensjoni tad-data tat-tlestija tal-proġett. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jimxi mal-gwida tal-Perit.

5.30pm - Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil ingħaqqad virtwalment fil-laqgħa tal-Kunsill.

35.7 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2020;

35.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*audited financial statements* għas-sena 2020 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri wara li kienu ġew ċirkulati minn qabel.

35.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ma kienx hemm aġġustamenti mill-awdituri li biddlu l-figuri tal-istqarrijiet finanzjarji mhejjija inizjalment mill-*accountant* tal-Kunsill.

35.7.3 L-*audited financial statements* għas-sena 2020 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti.

35.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

35.8.1 Direttiva DG 2/2021 – Contracts (Community Works) Managers. Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li din il-materja qed tiġi diskussa fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Għawdex u ġaladarba jkun hemm xi żviluppi huwa ser ikun qed jgħarraf lill-Kunsill.

35.8.2 Direttiva DG 3/2021 – Per Diem Applikabbli għas-Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.3 Ċirkulari DG 4/2021 – Servizz tal-Internet għall-Live Streaming tal-Laqgħat. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.4 Ċirkulari DG 5A/2021 – Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil b'suġġeriment minn residenta sabiex jiġi installat dawl matul

il-passaġġ tal-kantra ħdejn il-*picnic benches*. Is-Sindku fakkar lill-membri li dwar dan is-suġġett kienu saru laqgħat (minħabba li l-ERA tqis dawk l-inħawi bħala *dark areas*) ma' rapreżentanti ta' Birdlife Malta li xtaqu jagħmlu l-investiment huma.

35.8.6 Il-Kunsill reġa' rċieva komunikat mingħand l-Awtorita' tad-Djar biex jiprovdi dokumenti jew permessi dwar it-talba li kien għamel il-Kunsill biex il-*plot* li qed jokkupa tiġi devoluta lilu. Fl-istess komunikat, l-Awtorita' tad-Djar saħqet li l-Pulizija għaddew id-dokumenti bħala prova li din il-*plot* kien għaddiet lilhom bejn 1989 u 1990. Is-Sindku fakkar lill-membri tal-Kunsill li wara laqgħat li kellu mal-Ministru Jose' Herrera' u mad-Direttur Ġenerali, għaddej il-proċess biex issir talba formali għall-vot fil-*budget* biex fil-futur il-Kunsill ikollu l-binja tiegħu minn fejn jopera.

35.8.7 Il-Kunsill Lokali rċieva ittra anonima dwar il-possibilta' ta' ilma kkontaminat f'sit ta' kostruzzjoni fix-Xlendi. Is-Sindku ddikjara li s-sit inkwistjoni għandu sehem minnu personalment u kien ġie nfurmat mid-Dipartiment tas-Sanita' li l-ilma li qed jidher mhux ilma kkontaminat.

35.8.8 Il-Kunsill irċieva notifika mingħand Transport Malta li l-applikazzjoni għall-parkeġġ ieħor riservat fi Triq il-Kantra ġiet approvata għal perijodu ta' sena. Dan minkejja li l-Kunsill kien oġġezzjona minħabba li fl-istess triq diġa' hemm żewġ parkeġġi simili. Il-Kunsill innota l-kontenut u s-Sindku stqarr li l-Kunsill għamel il-parti tiegħu.

35.8.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand 'The Cast-Out Project', għaqda li torganizza *clean up events* kull nhar ta' Sibt, b'talba għall-permess biex issir attivita' simili fix-Xlendi. Il-Kunsill faħħar din l-inizjattiva u ma sab l-ebda oġġezzjoni.

35.8.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex għal darb'oħra l-Kunsilli Lokali jressqu l-proposti tagħhom għall-*Budget* 2022. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jitressqu l-proposti biex isiru dawn il-proġetti: bini ta' *cantilever* fi Triq San Xmun, ir-riġenerazzjoni ta' Pjazza Anfori kif ukoll tal-front tal-bajja tax-Xlendi, it-tkabbir tal-bajja tax-Xlendi bir-ramel u *diving wreck* fl-inħawi tax-Xlendi biex jattira aktar turisti f'dan il-qasam.

35.8.11 DLG - Invit għall-Webinar ta' Konsultazzjoni rigward ir-riforma fil-politika għall-Gvern Lokali (2021) – Reġjun Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.12 MHAL - Konnessjonijiet tat-Tekonloġija mal-Malta Government Nework (Magnet) – It-Tielet Fażi Munxar LC. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.13 MESD - Confirmation: Installation of Charging Pillars in your locality. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.14 Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar – Appell 00195/21 - PA/00834/21. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2021/063 – Supporting individuals with disability – Mentor Aid Session 14/07/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.16 Ċirkulari Nru AKL 2021/064 – Important Update: Re Notice: availability of the vaccine to asylum seekers and third country nationals. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2021/065 – European Mobility Week – Webinar 05.07.21 – Presentation. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2021/066 – Information Sessions for Local Councils – SEM. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.19 Ċirkulari Nru AKL 2021/067 – CLGF Online Seminar: Women in Local Government – Can Mentoring make a Difference – 28 July and 29 July. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2021/068 – AKL Summer BBQ 06/08/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.21 Ċirkulari Nru AKL 2021/069 – EMW – Small Activities Competition. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.22 Ċirkulari Nru AKL 2021/070 – Kwestjonarju – Proġett Compose+. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.23 Ċirkulari Nru AKL 2021/071 – Teambuiling – AKL, Kunsilli Reġjonali, Kunsilli Lokali u Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.24 Ċirkulari Nru AKL 2021/072 – Stqarrija mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Ħlas mir-residenti ġewwa l-uffiċini tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35.8.25 Ilment 41/2021
Titlob sabiex jerġgħu jinżebgħu d-*double yellow lines* ta' metru li hemm ma' ġenb garaxx fi Triq il-Qroll fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan iżda qabel għandu jiġi verifikat jekk dawn is-sinjali kienux hemm diġa' u jekk min qed iressaq din it-talba hux is-sid tal-garaxx.

35.8.26 Ilment 42/2021
Tissuġġerixxi sabiex ir-residenti tax-Xlendi jkollhom aċċess permezz tal-karozza tal-linja biex imorru l-Munxar direttament u mhux ikollhom jitilgħu r-Rabat u mir-Rabat jaqbdu karozza oħra tal-linja għal Munxar. Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett mill-membri fejn tqajjem il-punt li vetturi kbar qed jagħmlu ħsara lill-pavimentar eżistenti tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar kif ukoll il-periklu li dawn jimponu fuq il-pubbliku li jkun għaddej bil-mixi mil-pjazza, ġie deċiż li ssir laqgħa ma' Transport Malta biex kemm jista' jkun jitnaqsu l-vetturi l-kbar milli jgħaddu mill-pjazza u eventwalment tibdil fir-rotot tal-karozzi tal-linja.

35.8.27 Ilment 43/2021
Tissuġġerixxi sabiex Triq il-Munxar issir *one way* jew jiġu nstallati *sleeping police* fit-telgħa ta' taħt 'Andar Apartments' minħabba sewqan eċċessiv u l-ammont ta' traffiku li jgħaddi minn hemm. Ma kienx hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan minħabba li *sleeping police* f'telgħa mhix prattika u filwaqt li jekk Triq il-Munxar issir *one way* tkun qed tillimita l-aċċess għar-raħal tal-Munxar.

35.8.28 Ilment 44/2021
Jissuġġerixxi sabiex titwaħħal tabella minħabba l-ħmieġ tal-klieb ħdejn il-bus shelter ta' Triq San Xmun, kif ukoll biex jitrangaw xi fanali li mhux qed jixgħelu f'dawk l-inħawi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

35.8.29 Ilment 45/2021

Jilob sabiex parkeġġ li hemm fi Triq iż-Żirżieb k/ma Triq il-Ġostra jitneħħa u jsiru *double yellow lines* biex ikun jista' joħroġ aktar faċilment mill-entratura tal-garaxxijiet. Ma kienx hemm qbil mill-membri dwar dan minħabba li diġa' hemm metru *double yellow lines* kull naħa ta' din l-entratura kif ukoll kif approvat fl-aħħar laqgħa saru *double yellow lines* faċċata tal-entratura tal-garaxxijiet wkoll.

35.8.30 Ilment 46/2021

Jitlob sabiex il-Kunsill Lokali Il-Munxar joġġezzjona għall-applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq ir-Rabat k/ma Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi għal possibilita' li fil-futur titpoġġa tinda quddiem ir-ristorant propost li tista' tikkaġuna periklu ta' aktar għargħar lir-residenti tal-viċinanzi. Ma kienx hemm qbil mill-membri minħabba li hekk kif propost fl-applikazzjoni tal-iżvilupp m'hemm imkien indikat li ser issir xi tinda għar-ristorant. Il-membri saħqu li meta l-Kunsill jirċievi notifika mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet dwar xi applikazzjoni għal tinda, tiġi diskussa dakinhar. Is-Sindku żied jgħid li l-iżvilupp bla rażan qed jiġi diskuss internament fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Għawdex u bħala Kunsill dejjem oġġezzjona meta kien hemm xi applikazzjoni kontroversjali biss.

6.15pm - Il-Kunsillier Joseph Cauchi talab biex jiġi skużat mil-laqgħa minħabba mpenji oħra personali fuq xogħol li se jkollu jattendi għalihom.

35.8.31 Ilment 47/2021

Jitlob sabiex is-sinjali stradali fi Triq San Xmun u Triq il-Qsajjem fix-Xlendi jerġgħu jinżebgħu. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawwdex fil-jiem li għaddew.

35.8.32 Ilment 48/2021

Jitlob sabiex jitwaħħlu tabelli biex il-pubbliku ma jarmix skart matul Triq Ras il-Bajjada fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex teħel tabella fejn hemm bżonn biss.

35.8.33 Ilment 49/2021

Jilmenta dwar storbju eċċessiv minn siti ta' kostruzzjoni fix-Xlendi. Il-membri tal-Kunsill irrimarkaw li xogħol ta' kostruzzjoni fix-Xlendi huwa

permessibli għajr skavar u twaqqigħ. Kien hemm qbil sabiex dan l-ilment jiġi riferut lill-awtorita' konċernata.

35.8.34 Ilment 50/2021
Titlob sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin matul il-bankini fi Triq it-Torri fix-Xlendi kif ukoll tinġibed l-attenzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex għalqa mhix żviluppata fl-istess triq isirilha ħajt ta' sebgħa filati kif mitlub bir-regolamenti, dan minħabba li qed jarmu xi skart ġo fiha. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

35.8.35 Ilment 51/2021
Jitlob sabiex terġa' ssir *un/loading bay* li kien hemm diġa' fi Triq il-Ġostra u tikber bi ftit metri minħabba t-trakkijiet il-kbar. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan ġie deċiż sabiex jiġi vverifikat jekk kienx diġa hemm parkeġġ simili u filkas jerġa' jinżebagħ bl-istess daqs.

35.8.36 Ilment 52/2021
Jitlob sabiex il-bankina quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq il-Qroll issir rampa. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

35.8.37 Ilment 53/2021
Jitlob sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin u titnaddaf ħnejja li hemm fil-Wied tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

35.8.38 Ilmenti 54/2021
Jitlob sabiex titbaxxa l-bankina ta' quddiem ir-residenza tiegħu minħabba l-kobor tal-għoli tagħha. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill.

35.8.39 Ilment 55/2021
Jitlob sabiex isiru metru *double yellow lines* fuq naħa waħda ta' entratura ta' garaxxijiet fi Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri iżda għandu jiġi vverifikat li min ressaq l-ilment għandu garaxx f'dik il-binja.

35.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

35.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 35/2021-8 għall-perjodu bejn l-24 ta' Ġunju 2021 u t-22 ta' Lulju 2021 li tammonta għal €28,935.35 ġiet

approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil is-sekondant.

35.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

35.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 19 t'Awwissu 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 19 t'Awwissu 2021.

Damien Spiteri
Sindku

Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv